MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Numru. 284/2003

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)
(Spettur Carmelo Magri)
vs
John Azzopardi u Anthony Attard

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fid-9 ta’ Marzu, 2003 ghall-habta ta’ 2.30 ta’ wara nofsinhar fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun hadu parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbew ghal Ronald Brincat, Sharon Scicluna u Justin Tabone, ilkoll mill-Furjana sabiex jingurjawhom, idejjquhom u jaghmlulhom hsara;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-buon ordni u l-kwiet pubbliku;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru ta' registrazzjoni FBD 557 ghad-dannu ta' Ronald Brincat mill-Furjana, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira Maltin (LM500) bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Anthony Attard wahdu talli hebb ghall-istess Ronald Brincat u permezz ta' oggett iebes (flixkun tal-hgieg) ikkagunalu feriti ta' natura hafifa skond it-tabib Marcel Schembri MD tac-Centru tas-Sahha Furjana;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputati iwiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi ma kellhiex provi xi tressaq u semghet lill-parte civile jiddikjaraw illi ma riedux jixhdu f'dan il-kaz, izda irrizervaw id-dritt taghhom illi jipprocedu civilment.

Il-parte civili irrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli u l-imputati iddikjaraw illi ma kienux ser jimmolestaw lill-parte civile, jigifieri lil Ronald Brincat, Sharon Scicluna u Justin Tabone.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti qeghda tillibera liz-zewg imputati fuq imsemmija mill-ewwel, mit-tielet u mir-raba' akkuzi illi ma gewx ippruvati u

dwar it-tieni akkuza il-Qorti qeghda tiddikjara procediment ezawrit.

Il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit dwar l-akkuza illi Anthony Attard wahdu hebb ghal Ronald Brincat u ikkagunalu feriti ta' natura hafifa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------